Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 95/93

tat-18 ta' Jannar 1993

dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità

(ĠU L 14, 22.1.1993, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Ir-Regolament (KE) Nru 894/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2002	L 142	3	31.5.2002
►M2	Ir-Regolament (KE) Nru 1554/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003	L 221	1	4.9.2003
►M3	Ir-Regolament (KE) Nru 793/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004	L 138	50	30.4.2004
►M4	Regolament (KE) Nru 545/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009	L 167	24	29.6.2009
►M5	Regolament (UE) 2020/459 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020	L 99	1	31.3.2020
►M6	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1477 tal-14 ta' Ottubru 2020	L 338	4	15.10.2020

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 95/93

tat-18 ta' Jannar 1993

dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità

L-Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

▼M3

1. Dan ir-regolament għandu japplika għall-ajruporti tal-Komunità.

▼B

2. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ajruport ta' Ġibiltà hi mifhuma li hi mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet legali rispettivi tar-Renju ta' Spanja u rar-Renju Unit għar-rigward il-kwistjoni dwar is-sovranità fuq it-territorju ta' fejn jinstab l-ajruport.

3. L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għall-ajruport ta' Ġibiltà għandha tkun sospiża sakemm l-arranġamenti fid-dikjarazzjoni konġunta magħmula mill-Ministri tal-Affarijiet Barranin tar-Renju ta' Spanja u tar-Renju Unit fit-2 ta' Diċembru 1987 ikunu daħlu fis-seħħ. Il-Gvernijiet ta' Spanja u tar-Renju Unit għandhom jinfurmaw lill-Kunsill b'din id-data.

L-Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

▼M3

(a) "perjodu ta' użu fl-iskeda" għandha tfisser il-permess mogħti minn kordinatur skond dan ir-Regolament għall-użu tal-firxa sħiħa ta' l-infrastruttura ta' l-ajruport meħtieġa għall-operazzjoni ta' servizz bl-ajru f'ajruport kordinat f'data u ħin speċifiċi għall-użu tat-tniżżil u t-tluq kif allokati minn kordinatur skond dan ir-Regolament;

(b) "membru ġdid" għandha tfisser:

(i) ġarrier bl-ajru li jitlob, bħala parti minn serje ta' perjodi ta' użu fi skeda f'ajruport f'jum partikolari, fejn, jekk it-talba tal-ġarrier tintlaqa', dan fit-total ikollu anqas minn ħames pejodi ta' użu fl-iskeda f'dak l-ajruport f'dak il-jum, jew

(ii) ġarrier ta' l-ajru li jitlob serje ta' perjodi ta' użu fl-iskeda għal servizz ta' passiġġieri skedat li ma jieqafx bejn żewġ ajruporti tal-Komunità fejn l-aktar żewġ ġarriera oħra ta' l-ajru joperaw l-istess servizz skedat li ma jieqafx bejn dawn l-ajruporti jew sistemi ta' ajruport f'dak il-jum, fejn, jekk it-talba tal-ġarrier tiġi aċċettata, il-ġarrier ta' l-ajru xorta waħda jkollu anqas minn ħames perjodi ta' użu fl-iskeda f'dak l-ajruport f'dak il-jum għal dak is-servizz li ma jieqfx, jew

(iii) ġarrier ta' l-ajru jitlob serje ta' perjodi ta' użu fl-iskeda ta' ajruport għal servizz skedat tal-passiġġieri li ma jieqafx bejn dak l-ajruport u ajruport reġjonali fejn ebda ġarrier ieħor ta' l-ajru ma jkun jopera servizz skedat dirett tal-passiġġieri bejn dawn l-ajruporti jew sistema ta' ajruporti f'dak il-jum, fejn, jekk it-talba tal-ġarrier

▼M3

ta' l-ajru tiġi aċċettata, il-ġarrier ta' l-ajru xorta waħda madanakollu jkollu anqas minn ħames perjodi ta' użu fl-iskeda f'dak l-ajruport f'dak il-jum għal dak is-servizz li ma jieqafx.

Ġarrier ta' l-ajru li jkollu aktar minn 5 % tat-total tal-perjodi ta' użu fl-iskeda disponibbli fil-jum in kwistjoni f'ajruport partikolari, jew aktar minn 4 % tat-total tal-perjodi ta' użu fl-iskeda disponibbli fil-jum in kwistjoni f'sistema ta' ajruport li tagħha jifforma parti l-ajruport, ma jiġix kunsidrat bħala membru ġdid f'dak l-ajruport;

▼B

(ċ) "servizz bl-ajru dirett" tfisser servizz bejn żewġ ajruporti inklużi waqfien waqt ir-rotta bl-istss ajruplan u bl-istess numru tat-titjira;

(d) "perjodu ta' skedar" tfisser jew l-istaġun tas-sajf jew tax-xitwa kif użat fl-iskedi ta' trasportaturi bl-ajru;

(e) "trasportatur bl-ajru Komunitarju" tfisser trasportatur bl-ajru li jkollu liċenzja għall-operar valida maħruġa minn Stat Membru skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2407/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar liċenzjar ta' trasportaturi bl-ajru ([1]);

▼M3

(f) (i) "ġarrier ta'l-ajru" għandha tfisser impriża tat-trasport bl-ajru li jkollha liċenza valida biex topera jew ekwivalenti l-aktar tard fil-31 ta' Jannar għall-istaġun tas-sajf li jiġi wara jew fil-31 ta' Awissu għall-istaġun tax-xitwa li jiġi wara. Għall-finijiet ta' l-Artikoli 4, 8, 8a u 10, it-tifsira ta'ġarrier ta' l-ajru għandha wkoll tinkludi operaturi tan-negozju fl-avjazzjoni, meta dawn joperaw skond l-iskeda; għall-finijiet ta' l-artikoli 7 u 14; idtifsira ta' ġarrier ta' l-ajru għandha wkoll tinkludi l-operaturi kollha ta' bċejjeċ ta'l-ajru ċivili;

(ii) "grupp ta' ġarriera ta' l-ajru" għandha tfisser żewġ ġarriera ta' l-ajru jew aktar li flimkien iwettqu operazzjonijiet konġunti, operazzjonijiet bl-appalt jew *code-sharing*għall-fini ta' l-operazzjoni ta' servizz speċifiku ta' l-ajru;

(g) "ajruport kordinat" għandha tfisser xi ajruport fejn, sabiex jinżel jew jitlaq, ikun meħtieġ li ġarrier ta' l-ajru jew xi operatur ieħor ta' bċejjeċ ta' l-ajru li jiġi allokat perjodu ta' użu fl-iskeda minn kordinatur, bl-eċċezzjoni ta' titjiriet ta' l-Istat, inżul ta' emerġenza u titjiriet umanitarji;

▼B

(h) "sistema ta' ajruport" tfisser żewġ ajruporti jew aktar iggruppati flimkien biex iservu l-istess belt jew konurberazzjoni, kif indikat fl-Anness II tar-Regolament (KEE) Nru 2408/92;

▼M3

(i) "ajruport faċilitat bl-iskedi" għandha tfisser ajruport fejn ikun hemm potenzal għall-konġestjoni f'xi perjodi tal-jum, ġimgħa jew sena li tista' tiġi solvuta b'koperazzjoni volontarja bejn ġarriera ta' l-ajru u fejn faċilitatur ta' l-iskedi ikun ġie maħtur biex jiffaċilita l-operazzjonijiet tal-ġarriera ta' l-ajru li joperaw servizzi jew li jkollhom il-ħsieb li joperaw servizzi f'dak l-ajruport;

([1]) ĠU L 240, ta' l-24.8.1992, p. 1.

▼M3

(j) “korp ta' amministrazzjoni ta' ajruport” għandha tfisser il-korp li, flimkien ma' attivitajiet oħra jew mod ieħor, ikollu l-kompitu taħt liġijiet nazzjonali jew regolamenti li jamministra u jimmaniġġa l-faċilitajiet ta' l-ajruport u li jikkordina u jikkontrolla l-attivitajiet ta' l-operaturi varji presenti fl-ajruport jew fi ħdan is-sistema ta' l-ajruport konċernat;

(k) “serje ta' perjodi ta' użu fi skeda” għandha tfisser li jkunu ntalbu ta' l-anqas ħames perjodi ta' użu fi skeda fl-istess jum tal-ġimgħa regolarment fl-istess perjodu ta' skedar u allokati b'dak il-mod jew, jekk dan ma jkunx possibbli, allokati bejn wieħed u ieħor fl-istess ħin;

(l) “negozju ta' avjazzjoni” għandha tfisser dak is-settur ta' avjazzjoni ġenerali li jikkonċerna l-operazzjoni jew l-użu ta' bċejjeċ ta' l-ajru minn kumpaniji għall-ġarr ta' passiġġieri jew oġġetti jew bħala għajnuna għat-twettieq tan-negozju tagħhom, fejn il-bċejjeċ ta' l-ajru jittajru għal finijiet ġeneralment kunsidrati mhux għall-kiri pubbliku u jkunu misjuqa minn individwi li jkollhom, bħala minimu, liċenza valida ta' pilota kummerċjali bi grad ta' strument;

(m) “parametri ta' kordinament” għandha tfisser l-espressjoni f'termini ta' operazzjoni tal-kapaċità kollha disponibbli għall-allokazzjoni ta' perjodi ta' użu fl-iskeda f'ajruport matul kull perjodu ta' kordinament, li tirrifletti l-fatturi kollha tekniċi, operazzjonali u ambjentali li jaffettwaw l-andament ta' l-infrastruttura ta' l-ajruport u s-subsistemi differenti tiegħu.

▼B

L-Artikolu 3

Kondizzjonijiet għal koordinament ta' ajruport

▼M3

1. (a) Stat Membru ma jkollu ebda obbligu li jsemmi xi ajruporti bħala faċilitati bi skeda jew kordinati ħlief skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

(b) Stat membru ma għandux isemmi ajruport bħala kordinat ħlief skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3.

▼B

2. Stat Membru jista', iżda, jipprovdi għal kull ajruport li jkun magħżul bħala ►M3 ajruport faċilitat bi skedi ◄ sakemm il-prinċipji ta' trasparenza, newtralità u non-diskriminazzjoni jkunu osservati.

▼M3

3. L-Istat Membru responsabbli għandu jiżgura li analiżi dettaljat tal-kapaċità jitwettaq f'ajruport li ma jkollu ebda status imsemmi jew f'ajruport faċilitat bi skeda mill-korp li jimmaniġġa ta' dak l-ajruport jew minn xi korp ieħor kompetenti fejn dak l-Istat membru jqies meħtieġ, jew fi żmien sitt xhur:

(i) wara talba bil-miktub minn ġarriera ta' l-ajru li jirrappresentaw aktar minn-nofs ta' l-operazzjonijiet f'ajruport jew mill-korp li jimmaniġġa ta' l-ajruport meta xi wieħed minn dawn jikkonsidra li l-kapaċità ma tkunx biżżejjed għall-operazzjonijiet attwali jew ippjanati f'ċerti perjodi; jew

▼M3

(ii) fuq talba mill-Kummissjoni, b'mod partikolari fejn ajruport fir-realtà jkun aċċessibbli biss għal ġarriera ta' l-ajru li jkunu ġew allokati perjodi ta' użu fi skeda jew fejn ġarriera ta' l-ajru u b'mod partikolari mebri ġodda jiltaqgħu ma' problemi serji biex jassiguraw possibbiltajiet ta' nżul u tluq fl-ajruport in kwistjoni.

Dan l-analiżi, ibbażat fuq metodu komunement rikonoxxuti, għandu jistabbilixxi kull nuqqas fil-kapaċità, waqt li jagħti kont tal-limiti ambjentali fl-ajruport in kwistjoni. L-analiżi għandu jikkonsidra l-possibbiltajiet li jegħleb dawk il-limiti permezz ta' infrastruttura ġdida jew modifikata, bidliet operazzjonali, jew xi bidla oħra, u l-limitu ta' żmien maħsub biex tissolva l-problema. Dan għandu jiġi aġġornat jekk ikun invokat il-paragrafu 5, jew fejn ikun hemm tibdil fl-ajruport li jinfluwenzaw sinjifikament il-kapaċità tiegħu u l-kapaċità ta' l-użu. Kemm l-analiżi u l-metodu wżat għandhom jintgħamlu disponibbli lill-partijiet li jkunu talbu l-analiżi u, fuq talba, lil partijiet oħra interessati. L-analiżi għandu jkun komunikat lill-Kummissjoni fl-istess waqt.

4. Fuq il-bażi ta' l-analiżi, l-Istat Membru għandu jikkonsulta dwar is-sitwazzjoni tal-kapaċità fl-ajruport mal-korp li jimmaniġġa ta' l-ajruport, il-ġarriera ta' l-ajru li jużaw l-ajruport regolarment, l-organizzazzjonijiet rappresentattivi tagħhom, rappresentanti ta' l-avjazzjoni ġeneralili jużaw l-ajruport regolarment u l-awtoritajiet li jikkontrollaw it-traffiku ta' l-ajru.

5. Fejn iseħħu problemi ta' kapaċità għal ta' l-anqas perjodu wieħed ta' skedar, l-Istat Membru għandu jiżgura li l-ajruport jissemma bħala kordinat għall-perjodi rilevanti biss jekk:

(a) in-nuqqas ikun ta' dik in-natura serja li ma jkunx jista' jiġi evitat dewmien sinjifikanti fl-ajruport, u

(b) ma jkun hemm ebda possibbiltajiet li jiġu riżolti dawn il-problemi f'terminu qasir ta' żmien.

6. B'deroga mill-paragrafu 5, l-Istati Membri jistgħu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, isemmu bħala kordinati l-ajruporti effettwati għall-perjodu xieraq.

▼B

►M3 7. ◄ Meta kapaċità biżżejjed biex tagħmel operazzjonijiet attwali jew ippjanati tkun ipprovduta ►M3 ajruport kordinat ◄, in-nominazzjoni tiegħu bħala ajruport *fully coordinated* għandha titneħħa.

L-Artikolu 4

▼M3

Il-faċilitatur ta' l-iskedi u l-kordinatur

1. L-Istat Membru responsabbli għal ajruport faċilitat bi skedi jew kordinat għandu jiżgura l-ħatra ta' persuna kwalifikata naturali jew ġuridika bħala faċilitatur ta' l-iskedi jew kordinatur ta' l-ajruport rispettivament wara li jkun ikkonsulta mal-ġarriera ta' l-ajru li jużaw l-ajruport regolarment, l-organizzazzjonijiet rappresentattivi tagħhom u l-korp li jimmaniġġa ta' l-ajruport u l-kumitat ta' kordinament, fejn dak il-kumitat ikun jeżisti. L-istess faċilitatur ta' l-iskedi jew kordinatur jista' jinħatar għal aktar minn ajruport wieħed.

▼M3

2. L-Istat Membru responsabbli għal ajruport bi skedi faċilitati jew kordinat għandu jiżgura:

(a) li ajruport bi skedi faċilitati, il-faċilitatur ta' l-iskedi jaġixxi taħt dan ir-Regolament b'mod indipendenti, newtrali, non-diskriminatorju u trasparenti;

(b) l-indipendenza tal-kordinatur f'ajruport kordinat billi funzjonalment il-kordinatur jiġi separat minn xi parti waħda interessata. Is-sistema tal-finanzjament ta' l-attivitajiet tal-kordinatur għandha tkun tali li tiggarantixxi l-istatus indipendenti tal-kordinatur;

(ċ) li l-kordinatur jaġixxi skond dan ir-Regolament b'mod newtrali, non-diskriminatorju u trasparenti.

3. Il-faċilitatur ta' l-iskedi u l-kordinatur għandhom jipparteċipaw f'dawk il-konferenzi internazzjonali ta' skedar ta' ġarriera ta' l-ajru hekk kif huma permessi bil-liġi tal-Komunità.

4. Il-faċilitatur ta' l-iskedi għandu jagħti pariri lill-ġarriera ta' l-ajru u jirrakkomanda ħinijiet alternattiva tal-wasla u/jew tluq fejn x'aktarx li sseħħ konġestjoni.

5. Il-kordinatur għandu jkun il-persuna unika responsabbli għall-allokazzjoni tal-perjodi ta' użu ta' l-iskeda. Huwa għandu jalloka l-perjodi ta' użu ta' l-iskeda skond id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhu jieħu ħsieb sabiex, fil-każ ta' emerġenza, il-perjodi ta' użi ta' l-iskeda jiġu wkoll allokati barra ħinijiet ta' l-uffiċċju.

6. Il-faċilitatur ta' l-iskedi għandu jimmonitorja l-konformità ta' l-operazzjonijiet tal-ġarriera ta' l-ajru ma' l-iskedi rakkomandati lilhom. Il-kordinatur għandu jimmonitorja l-konformità ta' l-operazzjonijiet tal-ġarriera mal-perjodi ta' użu ta' l-iskeda allokati lilhom. Dawn il-verifiki ta' konformità għandhom jitwettq b'koperazzjoni mal-korp li jimmaniġġa ta' l-ajruport u l-awtoritajiet tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru u għandhom jagħtu kont tal-ħin u ta' parametri oħra rilevanti li jirrelataw ma' l-ajruport konċernat. Il-kordinatur għandu jibgħat fuq talba lill-Istati Membri konċernati u lill-Kummissjoni rapport annwali ta' attività, li jikkonċerna, b'mod partikolari, l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 8 u 14, kif ukoll xi lmenti li jirrigwardaw l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 8 u 10 mibgħuta lill-kumitat ta' kordinament u l-passi meħuda biex jiġu riżolti.

7. Il-faċilitaturi ta' l-iskeda kollha u l-kordinaturi għandhom jikkoperaw biex jikxfu inkonsistenzi fl-iskedi.

▼B

►M3 8. ◄ ►M3 Il-kordinatur għandu fuq talba u fi żmien raġonevoli jagħmel disponibbli mingħajr ħlas għar-reviżjoni minn partijiet interessati. b'mor partikolari lill-membri jew osservaturi tal-kumitat ta' kordinament, jew f'forma bil-miktub jew f'xi forma oħra faċilment aċċessibbli, l-informazzjoni li ġejja: ◄

(a) *slots* storiċi bil-linja ta' l-ajru, b'mod kronoloġiku, għal dawk it-trasportaturi bl-ajru kollha fl-ajruport,

(b) *slots* mitluba (sottomissjonijiet inizjali), minn dawk it-trasportaturi bl-ajru kollha u b'mod kronoloġiku, għal dawk it-trasportaturi bl-ajru kollha,

▼B

(ċ) is-*slots* kollha allokati, u talbiet ta' *slots* pendenti, elenkati individwalment f'ordni kronoloġika, minn trasportaturi bl-ajru, għal dawk it-trasportaturi bl-ajru kollha,

(d) *slots* disponibbli li jkun fadal,

(e) dettalji sħaħ dwar il-kriterji użati fl-allokazzjoni.

▼M3

9. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 8 għandha tintgħamel disponibbli l-aktar tard fil-ħin tal-konferenzi rilevanti ta' skedar u kif xieraq matul il-konferenzi u wara dan. Fuq talba, il-kordinatur għandu jipprovdi dik l-informazzjoni f'format imqassar. Jista' jintalab ħlas relatat man-nefqa għall-provvista ta' dik l-informazzjoni mqassra.

10. Fejn rilevanti u jkunu disponibbli *standards* ġeneralment aċċettati ta' informazzjoni ta' skedi, il-faċilitatur ta' l-iskedi, il-kordinatur u l-ġarriera ta' l-ajru għandhom japplikawhom kemm-il darba jkunu jikkonformaw mal-liġi tal-Komunità.

L-Artikolu 5

Kumitat ta' kordinament

1. F'ajruport kordinat, l-Istat Membru responsabbli għandu jiżgura li jitwaqqaf kumitat ta' kordinament. L-istess kumitat ta' kordinament jista' jinħatar għal aktar minn ajruport wieħed. Is-sħubija f'dan il-kumitat għandha tkun miftuħa ta' l-anqas għall-ġarriera ta' l-ajru li jużaw l-ajruport/i in kwistjoni regolarment u l-organizzazzjonijiet rappresentattivi tagħhom, il-korp li jimmaniġġa ta' l-ajruport konċernat, l-awtoritajiet rilevanti tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru u r-rappresentanti ta' l-avjazzjoni ġenerali li jużaw l-ajruport regolarment.

Il-kompiti tal-kumitat ta' kordinament għandhom ikunu:

(a) li jagħmel proposti li jikkonċernaw jew jagħti pariri lill-kordinatur u/jew lill-Istat Membru dwar:

— il-possibbiltajiet għal żieda fil-kapaċità ta' l-ajruport stabbiliti skond l-Artikolu 3 jew biex jittejjeb l-użu tiegħu;

— il-parametri ta' kordinament li għandhom jiġu stabbiliti skond l-Artikolu 6;

— il-metodi ta' l-immonitorjar ta' l-użu tal-perjodi ta' użu fl-iskeda allokati;

— linji gwida lokali għall-allokazzjoni ta' perjodi ta' użu fi skeda, waqt li jingħata kont, fost ħwejjeġ oħra, tħassib possibbli ambjentali, kif hemm provdut fl-Artikolu 8(5);

▼M3

— titjib fil-kondizzjonijiet tat-traffiku prevalenti fl-ajruport in kwistjoni;

— problemi serji li jiltaqgħu magħhom membri ġodda, kif hemm provdut fl-Artikolu 10(9);

— il-kwistjonijiet kollha li jirrelataw mal-kapaċità ta' l-ajruport;

(b) biex jagħmilha ta' medjatur bejn il-partijiet kollha konċernati fuq ilmenti dwar l-allokazzjoni ta' perjodi ta' użu fl-iskeda, kif hemm provdut fl-Artikolu 11.

2. Ir-rappresentanti ta' l-Istat Membru u l-kordinatur għandhom ikunu mistiedna għall-laqgħat tal-kumitat ta' kordinament bħala osservaturi.

3. Il-kumitat ta' kordinament għandu jħejji regoli bil-miktub ta' proċedura li jkopru, fost ħwejjeġ oħra parteċipazzjoni, elezzjonijiet, il-frekwenza tal-laqgħat u l-lingwa/i wżati. Kull membru tal-kumitat ta' kordinament jista' jipproponi linji ġwida kif hemm provdut fl-fl-Artikolu 8(5). Fuq it-talba tal-kordinatur, il-kumitat ta' kordinament għandu jiddiskuti linji ġwida lokali suġġeriti għall-allokazzjoni ta' perjodi ta' użu fi skedi kif ukoll dawk suġġeriti għall-immonitorjar ta' l-użu tal-perjosi ta' użu fi skedi allokati. Għandu jinbagħat rapport tad-diskussjonijiet fil-kumitat ta' kordinament lill-Istat Membru konċernat b'indikazzjoni tal-posizzjonijiet rispettivi dikjarati fi ħdan il-kumitat.

L-Artikolu 6

Parametri ta' kordinament

1. F'ajruport kordinat l-Istat Membru responsabbli għandu jiżgura l-istabbiliment tal-parametri għall-allokazzjoni tal-perjodi ta' użu fi skeda darbtejn fis-sena, waqt li jagħti kont tal-limitazzjonijiet rilevanti tekniċi, operazzjonali u ambjentali kif ukoll xi bdil fihom.

Dan l-eżerċizzju għandu jkun ibbażat fuq analiżi oġġettiv tal-possibbiltajiet li jiġi akkomodat it-traffiku ta'l-ajru, waqt li jingħata kont tat-tipi differenti ta' traffiku fl-ajruport, il-konġestjoni ta' l-ispazju ta' l-ajru li x'aktarx isseħħ matul il-perjodu ta' kordinament u s-sitwazzjoni tal-kapaċità.

Il-parametri għandhom ikunu komunikati lill-kordinatur ta' l-ajruport fi żmien biżżejjed qabel ma sseħħ l-allokazzjoni inizjali tal-perjodi ta' użu fl-iskeda għall-fini tal-konferenzi ta' l-iskedar.

2. Għall-fini ta' l-eżerċizzju msemmi fil-paragrafu 1, fejn l-Istat Membru ma jagħmilx dan, il-kordinatur għandu jiddefinixxi l-intervalli ta' ħin rilevanti ta' kordinament wara konsultazzjoni mal-kumitat ta' kordinament u b'konformità mal-kapaċità stabbilita.

3. L-istabbiliment tal-parametri u l-metodoloġija wżata kif ukol xi tibdil fihom għandhom ikunu diskussi fid-dettal fi ħdan il-kumitat ta' kordinament bil-ħsieb li tiżdied il-kapaċità u n-numru ta' perjodi ta' użu fl-iskeda disponibbli għall-allokazzjoni, qabel ma tittieħed deċiżjoni finali tal-parametri għall-allokazzjoni tal-perjodi ta' użu fl-iskeda. Id-dokumenti kollha rilevanti għandhom jintgħamlu disponibbli fuq talba lill-partijiet interessati.

▼M3

L-Artikolu 7

Informazzjoni għall-faċilitaturi ta' l-iskedi u l-kordinaturi

1. Ġarriera ta' l-ajru li joperaw jew li jkollhom il-ħsieb li joperaw f'ajruport bi skedi faċilitati jew kordinat għandhom jibgħatu lill-faċilitatur ta' l-iskedi jew lill-kordinatur rispettivament l-informazzjoni kollha rilevanti mitluba minnhom. L-informazzjoni kollha rilevanti għandha tkun provduta fil-format u fil-limitu ta' żmien speċifikat mill-faċilitatur ta' l-iskedi jew kordinatur. B'mod partikolari, l-ġarrier ta' l-ajru għandu jinforma lill-kordinatur, fiż-żmien tat-talba għall-allokazzjoni, jekk ikunx jibbenefika mill-istatus ta' membru ġdid, skond l-Artikolu 2(b), fir-rigward tal-perjodi ta' użu fl-iskeda mitluba.

Għall-ajruporti l-oħra kollha bl-ebda status partikolari msemmi, il-korp li jimmaniġġa ta' l-ajruport għandu jipprovdi, meta mitlub minn kordinatur, kull informazzjoni fil-pussess tiegħu dwar is-servizzi ppjanati ta' ġarriera ta' l-ajru.

2. Fejn ġarrier ta' l-ajru jonqos milli jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, sakemm ma jkunx jista' juri b'mod sodisfaċenti li jkunu jeżistu ċirkostanzi li jimmitigaw, jew jipprovdi informazzjoni falza jew li tqarraq, il-kordinatur ma għandux jagħti kont tat-talba jew talbiet ta' perjodi ta' użu fl-iskeda minn dak il-ġarrier ta' l-ajru li għalih tirrelata l-informazzjoni nieqsa, falza jew li tqarraq. Il-kordinatur għandu jagħti lill-ġarrier ta' l-ajru l-opportunità li jibgħat l-osservazzjonijiet tiegħu.

3. Il-faċilitatur ta' l-iskedi jew il-kordinatur, il-korp li jimmaniġġa ta' l-ajruport jew l-awtoritajiet tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru għandhom jiskambjaw l-informazzjoni kollha li jeħtieġu għall-eżerċizzju tad-dmirijiet rispettivi tagħhom, inkluż tagħrif dwar titjiriet u perjodi ta' użu fl-iskeda.

L-Artikolu 8

Proċess ta' allokazzjoni ta' perjodi ta' użu fl-iskedi

1. Serje ta' perjodi ta' użu fl-iskedi jiġu allokati minn grupp ta' perjodi ta' użu fl-iskedi lill-ġarriera applikanti bħala permessi biex jużaw l-infrastruttura ta' l-ajruport għall-fini ta' nżul jew tluq għall-perjodu ta' skedar li għalih jintalbu, li mali jiskadu dawn għandhom jingħataw lura lill-grupp ta' perjodi ta' użu fl-iskedi kif imwaqqaf skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 10.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 7, 8a, 9, 10(1) u 14, il-paragrafu (1) ta' dan l-Artikolu ma għandux jgħodd fejn il-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

— serje ta' perjodi għal użu fi skedi inkunu ntużaw mill-ġarrier ta' l-ajru għall-operat ta' servizzi ta' l-ajru skedati u programmati mhux skedati, u

— dak il-ġarrier ta' l-ajru jkun jista' juri għas-sodisfazzjon tal-kordinatur li s-serje ta' perjodi ta' użu fl-iskedi in kwistjoni tkun ġiet operata, kif awtorizzati mill-kordinatur, minn dak il-ġarrier ta' l-ajru għal ta' l-anqas 80 % tal-ħin matul il-perjodu ta' skedar li għalih tkun ġiet allokata.

▼M3

F'dan il-każ dik is-serje ta' perjodi ta' użu fi skeda għandhom jintitolaw lill-ġarrier ta' l-ajru konċernat għall-istess serje ta' perjodi ta' użu fi skeda fil-perjodu ekwivalenti ta' skedar li jmiss, jekk tintalab minn dak il-ġarrier ta' l-ajru fil-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 7(1).

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(2), f'sitwazzjoni fejn it-talbiet kollha għall-perjodu ta' użu fi skeda ma jkunux jistgħu jintlaqgħu għas-sodisfazzjoni tal-ġarriera ta' l-ajru konċernati, għandha tingħata preferenza għas-servizzi kummerċjali ta' l-ajru u b'mod parti-kolari għas-servizzi skedati u għas-servizzi ta' l-ajru programmati mhux skedati. Fil-każ ta' talbiet li jikkompetu fl-istess kategorija ta' servizzi, għandha tingħata prijorità għal operati ta' matul is-sena kollha.

4. L-għoti ta' ħinijiet mill-ġdid għal serje ta' perjodi ta' użu fi skeda qabel l-allokazzjoni tal-perjodi ta' użu fi skeda li jibqa' mill-grupp imsemmi fl-Artikolu 10 lill-ġarriera l-oħra ta' l-ajru applikanti għandu jkun aċċettat biss għal raġunijiet operazzjonali jew jekk il-ħinijiet ta' perjodi ta' użu fi skeda ta' ġarriera ta' l-ajru applikanti jittejbu b'relazzjoni mal-ħinijiet inizjalment mitluba. Dan ma għandux ikollu effett qabel il-konferma espressa mill-kordinatur.

5. Il-kordinatur għandu wkoll jagħti kont tar-regoli addizzjonali u l-linji gwida stabbiliti mill-industrija tat-trasport bl-ajru mad-dinja kollha jew mal-Komunità kollha kif ukoll il-linji gwida lokali proposti mill-kumitat ta' kordinament u approvati mill-Istat Membru jew minn xi korp ieħor kompetenti responsabbli għall-ajruport in kwistjoni, kemm-il darba dawk ir-regoli u linji gwida ma jeffettwawx l-istatus indipendenti tal-kordinatur, jikkonformaw mal-liġi tal-Komunità u jimmiraw li jtejjbu l-użu effiċjenti tal-kapaċità ta' l-ajruport. Dawn ir-regoli għandhom ikunu komunikati mill-Istat Membru in kwistjoni lill-Kummissjoni.

6. Jekk perjodu ta' użu fi skeda mitlub ma jkunx jista' jintlaqa', il-kordinatur għandu jinforma lill-ġarrier ta' l-ajru li jagħmel it-talba bir-raġunijiet għal dan u għandu jindika l-eqreb perjodu ta' użu fi skeda disponibbli.

7. Il-kordinatur għandu, b'żieda ma' l-allokazzjoni ppjanata ta' perjodu ta' użu fi skeda, jagħmel minn kollox biex jakkomoda talbiet waħdiena ta' perjodi ta' użu fi skeda b'avviż fi żmien qasir għal kull tip ta' avjazzjoni, inkluża avjazzjoni ġenerali. Għal dan il-għan, il-perjodi ta' użu fi skeda msemmija fl-Artikolu 10 li jibqgħu wara t-tqassim fost il-ġarriera applikanti u l-perjodi ta' użu fi skeda disponibbli b'avviż qasir ta' żmien jistgħu jintużaw.

L-Artikolu 8a

Mobilità ta' perjodi ta' użu fi skeda

1. Il-perjodi ta' użu fl-iskeda jistgħu jkunu:

(a) trasferiti minn ġarrier ta' l-ajru minn rotta jew tip ta' servizz għal ieħor imħaddem mill-istess ġarrier ta' l-ajru;

(b) trasferiti:

(i) bejn kumpaniji omm u sussidjarji, u bejn sussidjarji u l-istess kumpanija omm,

(ii) bħala parti minn akkwist ta' kontroll fuq il-kapital ta' ġarrier ta' l-ajru,

▼M3

(iii) fil-każ ta' trasferiment tal-kontroll totali jew parzjali fejn il-perjodi ta' użu fl-iskeda jkunu direttament relatati mal-ġarrier ta' l-ajru li jkun ħa l-kontroll;

(ċ) skambjati, wieħed b'wieħed, bejn ġarriera ta' l-ajru.

2. It-trasferimenti jew skambji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu notifikati lill-kordinatur u ma għandhomx ikollhom effett qabel il-konferma espressa mill-kordinatur. Il-kordinatur għandu jirrifjuta li jikkonferma t-trasferimenti jew skambji jekk ma jkunux jikkonformaw mal-ħtiġiet ta' dan ir-Regolament u jekk il-kordinatur ma jkunx sodisfatt li:

(a) ma jkunux preġudikati l-operati ta' l-ajruport, waqt li jingħata kont tal-limitazzjonijiet kollha tekniċi, operazzjonali u ambjentali;

(b) limitazzjonijiet imposti skond l-Artikolu 9 jkunu rispettati;

(ċ) trasferiment ta' perjodi ta' użu fl-iskeda ma jaqgħax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 3.

3. (a) Perjodi ta' użu fl-iskeda allokati lill-membru ġdid kif definit fl-Artikolu 2(b) ma jistgħux jiġu trasferiti kif hemm provdut fil-paragrafu 1(b) ta' dan l-Artikolu għall-perjodu ta' żewġ perjodi ta' skedar ekwivalenti, ħlief fil-każ ta' trasferiment ta' kontroll legalment awtorizzat ta' l-attivitajiet ta' impriża falluta.

(b) Perjodi ta' użu fl-iskeda allokati lill-membru ġdid kif definit fl-Artikolu 2(b)(ii) u (iii) ma jistgħux ikunu trasferiti lil rotta oħra kif hemm provdut fil-paragrafu 1(a) ta' dan l-Artikolu għal perjodu ta' żewġ perjodi ta' skedar ekwivalenti kemm-il darba l-membru l-ġdid ma jkunx ġie ttrattat bl-istess prijorità fuq ir-rotta l-ġdida bħal dik fuq ir-rotta inizjali.

(ċ) Perjodi ta' użu fl-iskeda allokati lill-membru ġdid kif definit fl-Artikolu 2(b) ma jistgħux ikunu skambjati kif hemm provdut fil-paragrafu 1(ċ) ta' dan l-Artikolu għal perjodu ta' żewġ perjodi ta' skedar ekwivalenti, ħlief sabiex jittejbu l-ħinijiet tal-perjodi ta' użu fl-iskeda għal dawn is-servizzi b'relazzjoni mal-ħinijiet inizjalment mitluba.

L-Artikolu 8b

Esklużjoni ta' talbiet ta' kumpens

Id-dritt għal serje ta' perjodi ta' użu fl-iskeda msemmi fl-Artikolu 8(2) ma jagħtix lok għal xi talbiet ta' kumpens fir-rigward ta' xi limitazzjoni, restrizzjoni jew eliminazzjoni ta' dan imposti taħt il-liġi tal-Komunità, b'mod partikolari fl-applikazzjoni tar-regoli tat-Trattat li jirrelataw mat-trasport bl-ajru. Dan ir-Regolament ma għandux jeffettwa s-setgħat ta' awtoritajiet pubbliċi li jeħtieġu t-trasferiment ta' perjodi ta' użu fl-iskeda bejn ġarriera bl-ajru u li jagħtu direzzjoni dwar kif dawn jiġu allokati skond il-liġi nazzjonali tal-kompetizzjoni jew l-Artikoli 81 jew 82 tat-Trattat jew ir-Regolament tal-Kunsiull (KEE) Nru 4064/89 tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi [1]. Dawn it-trasferimenti jistgħu jseħħu biss mingħajr kumpens monetarju.

[1] ĠU L 395, tat-30.12.1989, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1310/97 (ĠU L 180, tad-9.7.1997, p. 1).

▼M3

L-Artikolu 9

Obbligi ta' servizz pubbliku

1. Fejn ikunu ġew imposti obbligi ta' servizz pubbliku fuq rotta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 2408/92, Stat Membru jista' jirriżerva f'ajruport kordinat il-perjodi ta' użu fl-iskeda meħtieġa għall-operati maħsuba fuq dik ir-rotta. Jekk il-perjodi ta' użu fl-iskeda riżervati fuq ir-rotta konċernata ma jintużawx, dawn għandhom jintgħamlu disponibbli għal xi ġarrier ieħor ta' l-ajru interessat fl-operat tar-rotta skond l-obbligi ta' servizz pubbliku, bla ħsara għall-paragrafu 2. Jekk ebda ġarrier ma jkun interessat fl-operat tar-rotta u l-Istat Membru konċernat ma jpħroħx sejħa għall-offerti bl-appalt taħt l-Artikolu 4(1)(d) tar-Regolament (KEE) Nru 2408/92, il-perjodi ta' użu fl-iskeda għandhom jew ikunu riċervat għal rotta oħra bla ħsara għall-obbligi ta' servizz pubbliku jew jingħataw lura lill-*pool*.

2. Il-proċedura ta' offerti bl-appalt stabbilita taħt l-Artikolu 4(1)(d) sa (g) u 4(1)(i) tar-Regolament (KEE) Nru 2408/92 għandha tkun applikata għall-użu tal-perjodi ta' użu fl-iskeda msemmija fil-paragrafu 1 ta' hawn fuq jekk aktar minn ġarrier wieħed ta' l-ajru tal-Komunità jkun interessat li jservi r-rotta u ma jkunux jistgħu jiksbu perjodi ta' użu fl-iskeda fi żmien siegħa waħda qabel jew wara l-ħinijiet mitluba mill-kordinatur.

L-Artikolu 10

Pool tal-perjodi ta' użu fl-iskeda

1. Il-kordinatur għandu jwaqqaf *pool*, li għandu jkun fih il-perjodi kollha ta' użu fl-iskeda mhux allokati fuq il-bażi ta' l-Artikolu 8(2) u 8(4). Il-kapaċità kollha tal-perjodi ta' użu fl-iskeda stabbiliti skond l-Artikolu 3(3) għandhom jitqegħdu fil-*pool.*

2. Serje ta' perjodi ta' użu fl-iskeda li tkun ġiet allokata lil ġarrier ta' l-ajru għall-operat ta' servizz ta' l-ajru skedat jew programmat mhux skedat ma għandhiex tagħti d-dritt lil dak il-ġarrier ta' l-ajru għall-istess serje ta' perjodi ta' użu fl-iskeda fil-perjodu ekwivalenti li jkun imiss ta' skedar jew il-ġarrier ta' l-ajru ma tkunx jista' jagħti prova għas-sodisfazzjon tal-kordinatur li jkunu ġew imħaddma, kif approvati mill-kordinatur, minn dak il-ġarrier ta' l-ajru għal ta'l-anqas 80 % tal-ħin matul il-perjodu ta' skedar li għalih ikunu ġew allokati.

3. Perjodi ta' użu fl-iskeda allokati qabel il-31 ta' Jannar għall-istaġun tas-sajf li jkun imiss, jew qabel il-31 ta' Awissu għall-istaġun tax-xitwa li jkun imiss, iżda li jingħataw lura lill-kordinatur għall-allokazzjoni mill-ġdid qabel dawk id-dati ma għandux jingħata kont tagħhom għall-finijiet tal-kalkolu ta' l-użu.

4. Jekk l-użu ta' 80 % tas-serje ta' perjodi ta' użu fl-iskeda ma jkux jista' jiġi ppruvat, il-perjodi kollha ta' użu fl-iskeda li jikkostitwixxu dik is-serje għandhom jitqegħdu fil-*pool*tal-perjosi ta' użu fl-iskeda, kemm-il darba n-nuqqas ta' utilizzazzjoni ma jkunx jista' jiġi ġustifikat fuq il-bażi ta' xi waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) ċirkostanzi inprevedibbli u li ma jkunux jistgħu jiġu evitati barra l-kontroll tal-ġarrier ta' l-ajru li jwasslu għal:

— ċirkostanzi li jġegħlu lill-ajruplan tat-tip ġeneralment użat għas-servizz ta' l-ajru in kwistjoni jibqa' fl-art;

▼M3

— l-egħluq ta' l-ajruport jew ta' l-ispazju ta' l-ajru;

— disturb serju fl-operati ta' l-ajruporti konċernati, inklużi dawk is-serje ta' perjodi ta' użu fl-iskeda fl-ajruporti oħra tal-Komunità relatati ma' rotot li jkun ġew effettwati minn dak id-disturb, matul parti sostanzjali tal-perjodu rilevanti ta' skedar;

(b) l-interruzzjoni ta' servizzi ta' l-ajru dovuta għal azzjoni maħsuba li teffettwa dawk is-servizzi u li jagħmluha prattikament u/jew teknikament impossibbli li l-ġarrier ta' l-ajru jwettaw l-operati tiegħu kif ippjanati;

(ċ) ħsara serja finanzjarja għall-ġarrier ta' l-ajru in kwistjoni tal-Komunità, li, bħala riżultat, l-għoti ta' liċenza temporanja mill-awtoritajiet li jilliċenżjaw sakemm issir riorganizzazzjoni finanzjarja tal-ġarrier ta' l-ajru skond l-Artikolu 5(5) tar-Regolament (KEE) Nru 2407/92;

(d) proċedimenti ġudizzjarji li jikkonċernaw l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9 għar-rotot fejn ikunu ġew imposti obbligi ta' servizz pubbliku skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 2408/92 li jirriżultaw fis-sospensjoni temporanja ta' l-operat ta' dawk ir-rotot.

5. Fuq it-talba ta' Stat Membru jew bl-inizjattiva tagħha l-Kummissjoni għandha teżamina l-applikazzjoni tal-paragrafu 4 mill-kordinatur ta' ajruport li jaqgħa fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Hija għandha tieħu deċiżjoni fi żmien xahrejn minn meta tirċievi t-talba skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(2).

6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2408/92, perjodi ta' użu fl-iskeda mqegħda fil-*pool*għandhom jitqassmu fost il-ġarriera ta' l-ajru li japplikaw. 50 % ta' dawn il-perjodi ta' użu fl-iskeda għandhom l-ewwel jiġu allokati lil membri ġodda sakemm it-talbiet mill-membri ġodda ma jkunux anqas minn 50 %. Il-kordinatur għandu jittratta dawk it-talbiet ta' membri ġodda u ta' ġarriera oħra b'mod ġust, skond il-perjodi ta' kordinament għal kull jum ta' skedar.

Fost it-talbiet minn membri ġodda, għandha tingħata preferenza lil ġarriera ta' l-ajru li jikkwalifikaw għal status ta' membri ġodda kemm taħt l-Artikolu 2(b)(i) u (ii) jew l-Artikolu 2(b)(i) u (iii).

7. Membru ġdid li jkun ġie offrut serje ta' perjodu ta' użu fl-iskeda fi żmien siegħa qabel jew wara l-ħin mitlub iżda li ma jkunx aċċetta din l-offerta ma għandux iżomm l-istatus tiegħu ta' membru ġdid għal dak il-perjodu ta' skedar.

8. Fil-każ ta' servizz imħaddem minn grupp ta' ġarriera ta' l-ajru, wieħed biss mill-ġarriera ta' l-ajru li jipparteċipaw jista' japplika għall-perjodi ta' użu fl-iskeda meħtieġa. Il-ġarrier ta' l-ajru li jopera dak is-servizz jassumi r-responsabbiltà li jikkonforma mal-kriterji ta' operat meħtieġa biex tinżamm il-preċedenza storika msemmija fl-Artikolu 8(2).

▼M3

Perjodi ta' użu fl-iskeda allokati lil ġarrier wieħed ta' l-ajru jistgħu jintużaw minn ġarrier jew ġarriera oħra ta' l-ajru, kemm-il darba l-kodiċi li jgħaraf il-ġarrier ta' l-ajru li lilu jiġu allokati l-perjodi ta' użu fl-iskeda jibqa' fuq it-titjira maqsuma għall-finijiet ta' kordinament u monitorjar. Malli ma jitkomplewx dawk l-operati, il-perjodi ta' użu fl-iskeda hekk użati għandhom jibqgħu tal-ġarrier ta' l-ajru li lilu kienu inizjalment allokati. Ġarriera ta' l-ajru nvoluti fl-operazzjonijiet maqsuma għandhom jinfurmaw lill-kordinaturi bid-dettalji ta' dawk l-operazzjonijiet qabel il-bidu ta' dawk l-operazzjonijiet.

9. Jekk ikomplu jeżistu problemi serji għall-membri ġodda, l-Istat membru għandu jiżgura li titlaqqa' laqgħa tal-kumitat ta' kordinament ta' l-ajruport. L-għand tal-laqgħa għandu jkun li jiġu eżaminati l-possibiltajiet biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tkun mistiedna għal dik il-laqgħa.

▼M5

Artikolu 10a

▼M6

1. Għall-finijiet tal-Artikoli 8(2) u 10(2), il-koordinaturi għandhom iqisu s-slots allokati għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2020 sas-27 ta' Marzu 2021 bħallikieku ġew operati mit-trasportatur tal-ajru li lilu jkunu ġew allokati inizjalment.

▼M5

2. Għall-finijiet tal-Artikoli 8(2) u 10(2), il-koordinaturi għandhom iqisu s-slots allokati għall-perijodu mit-23 ta' Jannar 2020 sad-29 ta' Frar 2020 bħala li jkunu ġew operati mit-trasportatur tal-ajru li lilu jkunu ġew allokati inizjalment, fir-rigward ta' servizzi tal-ajru bejn l-ajruporti fl-Unjoni u l-ajruporti fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jew fir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

3. Fir-rigward tas-slots b'data aktar tard mit-8 ta' April 2020, il-paragrafu 1 għandu japplika biss meta s-slots mhux użati rilevanti jkunu saru disponibbli għall-koordinatur għar-riallokazzjoni lil trasportaturi tal-ajru oħrajn.

4. Meta l-Kummissjoni ssib, abbażi taċ-ċifri ppubblikati mill-Eurocontrol, li hija l-operatur tan-netwerk għall-funzjonijiet tan-netwerk tat-traffiku tal-arju tal-Ajru Uniku Ewropew, li t-tnaqqis fil-livell tat-traffiku tal-ajru meta mqabbel mal-livell fil-perijodu korrispondenti fis-sena preċedenti qed jippersisti u x'aktarx se jkompli jippersisti, u ssib ukoll, abbażi tal-aħjar *data* xjentifika disponibbli, li din is-sitwazzjoni hija r-riżultat tal-impatt tat-tifqigħa ta' COVID-19, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12a biex temenda l-perijodu speċifikat fil-paragrafu 1 kif xieraq.

5. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja kontinwament is-sitwazzjoni bl-użu tal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 4. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli lilha, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' sinteżi dwar din il-kwistjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-15 ta' Settembru 2020. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tadotta l-att delegat previst fil-paragrafu 4 malajr kemm jista' jkun.

▼M5

6. Meta, fil-każ ta' impatt fit-tul tat-tifqigħa ta' COVID-19 fuq is-settur tat-trasport tal-ajru fl-Unjoni, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 12b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.

▼M4

_____

▼M3

L-Artikolu 11

Ilmenti u drittijiet ta' appell

1. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' appell taħt il-liġi nazzjonali, l-ilmenti li jirrigwardaw l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 7(2), 8, 8a, 10 u 14(1) sa (4) u (6) għandhom jintbagħtu lill-kumitat ta' kordinament. Il-kumitat għandu, fi żmien perjodu ta' xahar wara s-sottomissjoni ta' l-ilment, jikkonsidra l-kwistjoni u jekk possibbli jagħmel proposti lill-kordinatur biex jipprovi jirriżolvi l-problema. Jekk l-ilment ma jkunx jista' jiġi maħlul, l-Istat Membru responsabbli jista', f'perjodu ieħor ta' xahrejn, jipprovdi għall-medjazzjoni permezz ta' organizzazzjoni rappresentattiva tal-ġarriera ta' l-ajru jew ta' l-ajruport jew xi parti terza oħra.

2. L-Istati Membri għandhom jieħsu l-miżuri xierqa, skond il-liġi nazzjonali, biex jipproteġu lill-kordinaturi fir-rigward ta' talbiet għal danni li jirrelataw mal-funzjonijiet tagħhom taħt dan ir-Regolament, ħlief f'każi ta' negliġenza kbira jew skorreettezzi apposta.

▼B

L-Artikolu 12

▼M3

Relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi

1. Kull fejn jidher li, fir-rigward ta' l-allokazzjoni u l-użu ta' perjodi ta' użu fl-iskeda fl-ajruporti tiegħu, pajjiz terz:

(a) ma jagħtix lill-ġarriera ta' l-ajru tal-Komunità t-trattament komparabbli li għandu jingħata taħt dan ir-Regolament lill-ġarriera ta' l-ajru minn dak il-pajjiż, jew

(b) ma jagħtix lill-ġarriera ta' l-ajru tal-Komunità trattament nazzjonali fil-fatt, jew

(ċ) jagħti lil ġarriera ta' l-ajru minn pajjiżi terzi oħra trattament aktar favorevoli minn dak mogħti lill-ġarriera tal-Komunità,

il-Kummissjoni tista', skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(2), tiddeċiedi li Stat membru jew Stati Membri għandhom jieħdu miżuri, inkluża s-sospensjoni kollha kemm hi jew f'parti ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-ġarrier ta' l-ajru jew ġarriera ta' l-ajru ta' dak il-pajjiż terz bil-ħsieb li jiġi rimedjat il-komportament diskriminatorju tal-pajjiż terz konċernat.

▼B

2. Stati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'xi diffikultajiet serji li jkunu ltaqgħu magħhom, fil-liġi jew fil-fatt, minn trasportaturi bl-ajru tal-Komunità sabiex jakkwistaw *slots* f'ajruporti ta' pajjiżi mhux membri.

▼M5

Artikolu 12a

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 10a hija mogħtija lill-Kummissjoni sat-2 ta' April 2021.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 10a tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti innominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 10a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 12b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati taħt dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet li għalihom tkun intużat il-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12a(6). F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att immedjatament wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

▼M3

L-Artikolu 13

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat.

▼M3

2. Fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu l-artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tippreskrivi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([1]) għandhom jgħoddu, wara li jingħata kont ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu preskritt fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat bħala wieħed ta' tlett xhur.

3. Il-kumitat jista' wkoll jiġi konsultat mill-Kummissjoni fuq kull materja oħra li tikkonċerna l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament.

4. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

L-Artikolu 14

Infurzar

1. Il-pjan tat-titjira ta' ġarrier ta' l-ajru jista' jiġi rifjutat mill-awtoritajiet kompetenti li jimmaniġġaw it-Traffiku ta' l-Ajru jekk il-ġarrier ta' l-ajru jkollu l-ħsieb li jinżel jew jitlaq minn ajruport kordinat, matuli l-perjodi li għalihom ikun kordinat, mingħajr ma jkollu pejodu ta' użu fl-iskeda allokat mill-kordinatur.

2. Il-kordinatur għandu jirtira s-serje ta' perjodi ta' użu fl-iskeda proviżżjorament allokati lill-ġarrier ta' l-ajru fil-proċess li jistabbilixxi lilu nnifsu u jqegħdhom fil-*pool*fil-31 ta' Jannar, għall-istaġun tas-sajf li jkun imiss jew fil-31 ta' Awissu għall-istaġun tax-xitwa li jkun imiss jekk l-imporiża ma jkollhiex fil-pussess tagħha liċenza ta' operat jew ekwivalenti f'dik id-data jew jekk ma jkunx ġie dikjarat mill-awtorirà kompetenti li tilliċenzja li x'aktarx tkun ser tinħareġ liċenza ta' operat jew ekwivalenti qabel ma jibda l-perjodu rilevanti ta' skedar.

3. Il-kordinatur għandu jirtira s-serje u jqiegħed fil-*pool*is-serje ta' perjodi ta' użu fl-iskeda tal-ġarrier ta' l-ajru, li dan ikun irċieca wara skambju skond l-Artikolu 8a(1)(ċ) jekk ma jkunux intużaw kif maħsub.

4. Ġarriera ta' l-ajru li ripetutament u intenzjonalment joperaw servizzi ta' l-ajru f'ħin sinjifikament differenti mill-perjodu ta' użu fl-iskeda allokat bħala parti minn serje ta' parjodi ta' użu fl-iskeda jew juża perjodi ta' użu fl-iskeda b'mod sinjifikament differenti minn dak indikat fil-ħin ta' l-allokazzjoni u b'hekk jikkawża preġudizzju lill-operati ta' l-ajruport jew tat-traffiku ta' l-ajru għandhom jitilfu l-istatus tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 8(2). Il-kordinatur jista' jiddeċiedi li jirtira mingħand dak il-ġarrier ta' l-ajru s-serje ta' perjodi ta' użu fl-iskeda in kwistjoni għall-bqija tal-perjodu ta' l-iskedar u jqegħdhom fil-*pool* wara li jkun sema' lill-ġarrier ta' l-ajru konċernat u wara li jkun ħareġ twissija waħdiena.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u diswassivi jew miżuri ekwivalenti jkunu disponibbli biex jittrattaw ma' operat ripetut u intenzjonat ta' servizzi ta' l-ajru f'ħinijiet sinjifikament differenti mill-perjodi ta' użu fl-iskeda allokati jew ma' l-użu ta' pejodi ta' użu fl-iskeda b'mod sinjifikament differenti minn dak indikat fil-ħin ta' l-allokazzjoni, fejn dan jista' joħloq preġudizzju għall-operati ta' l-ajruport jew tat-traffiku ta' l-ajru.

([1]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

▼M3

6. (a) Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(4), jekk ir-rata ta' użu ta' 80 % kif definita fl-Artikolu 8(2) ma tkunx tista' tinkiseb minn ġarrier ta' l-ajru, il-kordinatur jista' jiddeċiedi li jirtira mingħand dak il-ġarrier ta' l-ajru s-serje ta' perjodi ta' użu fl-iskeda in kwistjoni għall-bqija tal-perjodu ta' l-iskedar u jqegħdhom fil-*pool*wara li jkun sema' lill-ġarrier ta' l-ajru konċernat.

(b) Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(4), jekk wara ħin allokat li jikkorrispondi ma' 20 % tal-perjodu tal-validità tas-serje, ebda perjodi ta' użu fl-iskeda ta' dik is-serje ta' perjodi fl-iskeda ma jkunu ntużaw, il-kordinatur għandu jqiegħed is-serje ta' perjodi ta' użu fl-iskeda in kwistjoni fil-*pool*għall-bqija tal-perjodu ta' skedar wara li jkun sama' lill-ġarrier ta' l-ajru konċernat.

L-Artikolu 14a

Rapport u koperazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operat ta' dan ir-Regolament l-aktar tard tlett snin wara l-bidu fis-seħħ tiegħu. Ir-rapport għandu jindirizza b'mod partikolari l-iffunzjonar ta' l-Artikoli 8, 8a u 10.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkoperaw fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, partikolarment fir-rigward tal-ġbir ta' informazzjoni għar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1.

▼B

L-Artikolu 15

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tletin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.